MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2506/2003

**Montalto Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Debbie Pacia u l-istess Debbie Pavia**
**Vs**
**Rite-Mix (Gatt Bros) Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Dicembru 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsin lira u tmintax il-centezmu (LM250.18) rapprezentanti valur tad-danni kawzati fil-vettura tal-attrici f'incident stradali li sehh nhar il-24 ta Dicembru 2001 gewwa Psaila street, B'kara waqt li s-socjeta konvenuta kienet qed taghmel xi xogholijiet fl-imsemmija triq u l-vettura numru ABI 642 proprjeta tal-attrici u misjuqa minnha stess baqghet diehla gewwa toqba ossia ditch kbir ta cement imxarrab u ghal liema incident kienet unikament

responsabbli s-socjeta konvenuta minnhabba mprudenza, imperizja, negligenza u nuqqas ta senjalazzjoni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 22 ta Frar 2002 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta fis-26 ta Jannar 2004 fejn sostniet li hi mxiet sewwa mal-permessi mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti; illi hija ghamlet is-senjalazzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi u mill-istess Awtoritajiet u inoltre illi l-incident in kwistjoni sehh minnhabba tortijiet imputabbli lill-istess attrici stante li njorat l-imsemmija senjalazzjonijiet.

Ra l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat.

Illi skond ix-xhiedha moghtija mill-attrici Pavia l-incident in kwistjoni sehh meta hija kienet hierga minn triq laterali ghal go Psaila street. Hi u hierga ghal go l-imsemmija triq principali baqghet diehla go toqba fl-art mimlija b'cement frisk. L-attrici ssostni li ma kien hemm ebda senjalazzjoni fit-trieq kemm dwar ix-xogholijiet u kif ukoll dwar it-toqba. Indunat bil-hsara li kkaguna s-cement frisk biss meta haslet il-vettura u kwindi marret ghamlet rapport l-ghassa. Meta marret lura fuq il-lok ta l-incident ma missierha sabu li l-hofra tghattiet bi pjanca tal-metall. Il-hofra kienet tinsab fin-nofs tat-trieq u kbira tant li l-wisgha kollha tal-vettura taghha nizlet go fiha. Fil-hin ta l-incident il-hofra ma kienitx mghottija u anqas ma kien hemm pulizija jew wardens prezenti.

In kontro-ezami l-attrici tghid li ma tiftakarx jekk kienx hemm vetturi ohra quddiemha pero tichad li kien hemm no entry sign ghat-trieq laterali mnejn kienet gejja jew xi sinjali ohra li jindikaw il-prezenza tal-hofra.

Ir-rapprezentant tas-socjeta konvenuta Carmelo Spiteri ma kienx prezenti fil-mument tal-incident u kwindi ftit li xejn seta jitfa dawl fuq il-meritu tal-kaz.

Il-Perit inkarikat mix-xogholijiet Stephen Buhagiar isostni li dak in-nhar ta l-incident kien hemm it-tabelli kollha necessarji fit-trieq sabiex jiggwidaw it-traffiku nkluz No Entry sign mnejn kienet gejja l-attrici. In kontro-ezami jghid pero li ma hiex prassi li jghattu t-trinek li jkunu mimlija bil-konkos peress illi l-pjanca tispicca tehel mieghu.

Raymond Azzopardi prodott mis-socjeta konvenuta li kien xhud okulari f'dan il-kaz jikkonferma illi (1) Kienu ghattew it-trinka tal-konkos u (2) Wahlu tabelli u (3) Dawru l-hofra permezz ta barriers u tape. Ftit wara li lestew dan ix-xoghol, semghu hoss u nnotaw li l-vettura tal-attrici kienet waqqghet il-barriers u spiccat fil-hofra. In kontro-ezami jghid li l-attrici kienet gejja minn go Psaila street u kisret ghat-trieq laterali u cioe bil-kontra ta dak allegat mill-istess attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dan huwa semplici kaz ta kredibbilita tax-xhieda prodotti  esercizzju daqsxejn aktar difficli ghal dan it-tribunal meta tqis li l-istess instemghu minn gudikatur iehor. Illi ma hemmx dubbju pero li x-xhieda ta Raymond Azzopardi tinsab korroborata sa certu punt mill-Perit Arkitett inkarikat mix-xogholijiet u t-Tribunal ma jsib ebda raguni il-ghala ma ghandux jistrieh fuq ix-xhieda minnhom moghtija. Inoltre jigi osservat li provi cirkostanzjali li jistghu jimmilitaw kontra l-verzjoni moghtija mill-attrici huwa l-fatt li s-survey, it-tiswijiet u l-hlas ta l-excess kollha saru aktar minn sena wara (a fol 17 sa 19). Inoltre jirrizulta wkoll li l-attrici kienet konsapevoli tax-xogholijiet li kienu qed jigu esekwiti fil-lok in kwistjoni u ghalhekk messha saqet b'aktar attenzjoni. Interessanti wkoll il-fatt li filwaqt li l-attrici tghid li kienet hierga ghal Psaila street, il-haddiem li xehed qal li hija kienet gejja minn Psaila street u mhux hierga go fiha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-attrici Debbie Pavia kienet unikament

responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk filwaqt li jirrespingi t-talbiet tal-atturi qieghed jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta bl-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jithallsu mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------